MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 241/2005

**Studio Seven Co. Limited**

**vs**

**Awtorita' Maltija ghat-Turizmu u**
**s-socjeta' Sign It Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta attrici tat-8 ta' Marzu 2005 li jghid hekk:

Peress illi s-socjeta attrici kienet ikkonsenjat lill-konvenuti apparat awdio viziv biex jintuza fl-esibizzjoni tal-Awtorita Maltija ghat-Turizmu li kienet qed tigi organizzata il-Palexpo, f'Ginevra, l-Izvizzera bejn il-5 ta' Mejju, 2003 u l-ahhar ta' Mejju, 2003;

U peress illi wara li spiccat l-esibizzjoni fuq imsemmija il-konvenuti, ghal ragunijiet imputabbli lilhom u minhabba negligenza u/jew traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tal-obbligi taghhom, naqsu illi jirritornaw lis-socjeta attrici l-oggetti konsenjati lilhom, jew min minnhom, qabel l-esibizzjoni fuq imsemmija;

U peress illi minhabba f'hekk is-socjeta attrici sofriet danni, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U peress illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni u hlas tal-istess permezz ta' ittra bonarja tal-20 ta' Gunju 2003 u permezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju, 2003 dawn baqghu ma ghamlu xejn u irrifjutaw li jhallsu;

Ghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli minhabba negligenza jew traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tal-obbligi taghhom, ghan-nuqqas ta' konsenja lis-socjeta attrici da parti tal-konvenuti jew min minnhom tal-oggetti appartenenti lis-socjeta attrici li kienu fdati jew inghataw fil-pussess tal-konvenuti, jew min minnhom, u ghad-danni rizultanti sofferti mis-socjeta attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u ittra ufficjali fuq imsemmija.

Intom ingunti biex tidhru ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tal-Awtorita li tghid hekk:

1. It-talbiet attrici kwantu jolqtu Iill-Awtorita Maltija tat-Turizmu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-

socjeta attrici billi m'huwiex minnu illi s-socjeta attrici qatt ikkonsenjat xi apparat lill-Awtorita Maltija tat-Turizmu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta Sign It Limited li tghid hekk:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm ebda relazzjoni gjuridika bejn l-attur u l-konvenut Sign It Limited u ghaIhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi s-socjeta attrici kriet l-oggetti lill-Awtorita Maltija ghat-Turizmu u mhux lill-konvenuta Sign It Limited.

3. Illi s-socjeta konvenuta Sign It Limited kienet responsabbli biex ittella' l-oggetti Ginevra, l-Isvizzera u tarma l-istand fl-esibizzjoni imsemmija waqt li l-oggetti Ii teIlghet ghal Studio Seven Company Limited fl-imsemmija stand gew armati minn Joseph u Sue Debono.

4. Illi effettivament l-oggetti waslu Ginevra, l-Isvizzera, l-istand itteIlghet, l-esibizzjoni saret u x-xoghol minnha interkors sar skond is-sengha u l-arti u qatt mas-socjeta konvenuta kienet responsabbli ghall-oggetti tas-socjeta attrici la fl-armar u l-anqas fiz-zarmar tal-istess stand.

5. Illi wara l-esibizzjoni, is-socjeta konvenuta zarmat l-istand, ippakkjat l-oggetti taghha kif imiss waqt li r-rapprezentanti tas-socjeta attrici Joseph u Sue Debono zarmaw l-oggetti taghhom u ppakkjawhom.

6. Illi Joseph u Sue Debono teIqu mill-istand u hallew l-oggetti minghajr sorveljanza liema oggetti allegatament insterqu wara z-zarmar tal-istess stand u qabel is-shipment Iura lejn Malta.

7. Illi s-socjeta konvenuta Sign It Limited mhix responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-atturi stante li huma ma kkawzaw l-ebda danni lis-socjeta attrici bl-ghemil

u/jew naqsu milli jiehdu hsieb l-oggetti ta' haddiehor u dan kif jirrizulta mill-fatti fuq esposti.

8. Illi inoltre b'email tal-5 ta' Mejju 2003 is-socjeta Sign It Limited eskludiet kull responsabbilta ghat-trasbord tal-oggetti tas-socjeta attrici u wisq aktar mhix responsabbli ghall-oggetti tal-istess socjeta attrici meta dawn kienu taht il-kura u kustodja tal-istess socjeta attrici f'Ginevra, l-Isvizzera.

9. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta Sign It Limited;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-14 ta' Marzu 2013.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi impernjata fuq l-allegazzjoni tas-socjeta attrici illi l-konvenuti kellhom obbligu fil-konfront taghha li jirritornawlha l-oggetti fdati lilhom jew li nghataw fil-pussess taghhom u dawn naqsu minhabba negligenza jew traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tal-obbligi taghhom.

**Fatti**

Il-fatti ppruvati f'din il-kawza huma is-segwenti:

Jirrizulta mix-xiehda ta' Susan Cassar Dimech, senior manager mal-Awtorita tat-Turizmu illi l-istess Awtorita kienet tippartecipa f'fiera f'Geneva, l-Isvizzera biex tippromuovi l-prodott Malti. Hi kienet fil-fatt itella' stand fil-fiera u produtturi li riedu jippartecipaw kienu jhallsu participation fee lill-Awtorita. L-istand ma ttellghux l-Awtorita izda tohrog tender li fil-fatt intrebah mis-socjeta Sign It Limited biex hi ittella' l-istand. Is-socjeta Studio Seven invece kienet kumpanija li toffri audio vision

services u l-Awtorita avvicinatha sabiex tippartecipa wkoll bhala esebitur pero flok thallas il-participation fee, is-socjeta attrici tipprovdi s-servizzi taghha lill-Awtorita ghal promozzjoni ta' Malta u fl-istess hin is-socjeta tippromuovi s-servizzi taghha bla ma jkollha spazju specifiku allokat fuq l-istand. Ma kienx hemm ftehim bil-miktub izda wiehed verbali u din kienet it-tieni sena li sar l-istess ftehim mas-socjeta attrici.

Dwar dawn il-fatti ma hemmx disputa. Gara pero illi meta s-socjeta attrici bdiet tara x'equipment kellha bzonn ghall-avveniment u jekk kellhiex tesportaha minn Malta jew tikri direttament fl-Isvizzera, l-Awtorita issuggeritilha li tikkuntattja lis-socjeta Sign It li kellha container bl-affarijiet taghha biex tara kienx hemm spazju u jittellghu wkoll l-affarijiet tas-socjeta attrici.

Jidher mill-atti li sar kuntatt bejn iz-zewg socjetajiet u gie miftiehem bejniethom li l-affarijiet tas-socjeta attrici jittellghu fil-container li kienet ser tutilizza s-socjeta konvenuta billi kien hemm spazju. Is-socjeta konvenuta tikkontendi minghajr ma giet kuntradetta minn xiehda ohra, illi hi ma zammet ebda flus biex titrasporta l-affarijiet tas-socjeta attrici fil-container tas-socjeta konvenuta. Anzi kien kompitu tas-socjeta attrici li tassikura l-affarijiet taghha u tikkonferma mas-socjeta konvenuta l-valur tal-oggetti ghal finijiet ta' dikjarazzjoni mad-Dwana billi l-container kien dirett ghall-Isvizzera cioe pajjiz li mhux parti mill-Unjoni Ewropea.

L-Awtorita ma kellha x'taqsam xejn mal-arrangamenti koncernanti l-garr izda kienet biss issuggeriet li d-direttur tas-socjeta attrici Joe Debono jikkuntattja lid-direttur tas-socjeta konvenuta Reuben Paul Caruana u minn hemm il-quddiem ma kellha ebda involvement. Dak li jirrizulta mill-atti hu illi meta spiccat il-fiera l-Awtorita kien fadlilha xi brochures u materjal ta' kitba ohra li talbu lis-socjeta konvenuta tibaghthom lura Malta fil-container u billi kien hemm spazju din it-talba giet accettata. Altrimenti skond l-istess xhieda tal-Awtorita, il-materjal kien jithalla u ma jigiebx f'Malta.

Dak li wassal ghal kawza prezenti hu s-segwenti:

L-affarijiet waslu f'Geneva minghajr ebda problemi.

L-istand kellu storage space li jissakkar u l-ghada fil-ghodu meta d-direttur tas-socjeta attrici cioe Joe Debono u bintu Sue Debono marru fuq l-istand sabu l-bieb sgassat u wiehed mill-video projectors appartenenti lis-socjeta attrici nieqes. Skond l-istess diretturi sabuha difficli li jirrapurtaw l-akkadut kemm ghax l-ufficjali tal-fiera ma kienux koperativi u kemm ghax meta marru jirrapurtaw l-ghassa, sabuha maghluqa. Madankollu jirrizulta mill-atti illi fil-fatt l-assikurazzjoni tas-socjeta attrici hallset ghat-telf ta' dan il-projector, skond il-polza li tinsab esebita a fol. 73 tal-process mahruga fuq is-socjeta attrici minghand Laferla Insurance Agency Limited.

Jirrizulta wkoll mill-atti illi l-partijiet jaqblu illi l-organizzaturi ma kienux responsabbli ghas-safety tal-oggetti tal-esibituri u dan kien kompitu tal-esibituri stess. Fil-fatt l-email tad-9 ta' Gunju 2003 mibghuta minn Sue Debono lill-organizzaturi tal-fiera tikkonferma dan. Fil-fatt f'din l-email a fol. 132 tal-process tghid testwalment hekk:
"As usual we were present on the Malta Stand where we are also responsible for all the equipment."

Din il-kwistjoni giet ukoll konfermata mid-direttur tas-socjeta konvenuta Reuben Paul Caruana li spjega illi l-fiera ghandha agent taghha li ddahhal u tohrog l-affarijiet tal-esibituri mill-istands tal-fiera u hadd ma ghandu dritt li jaghmel hekk hliefhom. Fil-fatt l-agent tal-esibituri li jkun inkarigat mill-garr irid jieqaf barra l-gates tal-fiera u minn hemm huma l-agenti tal-fiera li jdahhlu u johorgu l-affarijiet tal-esibituri gewwa l-istands tal-fiera.

Il-kwistjoni kollha qamet meta ntemmet il-fiera. Jirrizulta illi kull esibitur ppakkja l-materjal tieghu ghall-garr. L-Awtorita cioe r-rapprezentanti taghha telqu wara li spiccat il-fiera. Is-socjeta attrici zarmat l-apparat taghha u ppakkjathom u ssiggillathom u halliethom fl-istand. Is-socjeta konvenuta tghid illi d-direttur tas-socjeta attrici telqu u ma rritornawx

lura. L-intenzjoni kienet li l-apparat tas-socjeta attrici jigi trasportat flimkien mal-affarijiet tas-socjeta konvenuta f'container wiehed kif kien twassal il-fiera fl-Isvizzera. Is-socjeta konvenuta damet jumejn izzarma l-istand u tippreparah ghat-trasport lura, u f'dawn il-jumejn l-istess direttur Reuben Paul Caruana li kien prezenti kkonferma illi l-affarijiet tas-socjeta attrici kienu ghadhom ippakkjati u ssigillati u jidhru intatti. Meta s-socjeta konvenuta lestiet hi nfurmat lill-agent tal-fiera li kollox kien lest ghat-trasport, imlew id-dokumenti ghall-agent tat-trasport taghhom cioe l-Express Trailers, u ghaddewhomlu biex wara li johorgu mill-area tal-fiera (billi hadd ma jista' jibqa' fl-istand wara li l-affarijiet ikunu lesti ghat-trasport, u jinhargu mill-agent tal-fiera biss cioe Inter Expologistics Limited inkarigat mill-organizzatur tal-fiera stess), jivverifika li l-ammont ta' pakketti ssiggillati hu konformi ma' dak dikjarat fid-dikjarazzjoni tad-Dwana maghmula mill-importatur.

Jidher li meta l-container wasal Malta ssiggillat u nfetah quddiem ufficjali tad-Dwana, irrizulta illi l-pakketti ssiggillati tas-socjeta attrici kienu gew mimsusa u nstabu hafna affarijiet neqsin.

Fax mibghuta mill-organizzaturi tal-fiera fis-17 ta' Lulju 2003 in risposta ghall-email tad-9 ta' Gunju 2003 mibghuta mis-socjeta attrici (fol. 37 tal-process), fil-waqt li jirreferu ghal projector misruq mill-fiera stess fid-19 ta' Mejju 2003 liema serq mhux relevanti ghal finijiet ta' din il-vertenza, jidhlu fid-dettall dwar il-procedura li sehhet biex l-apparat jingarr wara li spiccat il-fiera. Dawn il-fatti mhux kontradetti. Jinghad fil-fax illi l-affarijiet kollha tal-istand ta' Malta kienu ppakjati u ssigillati fi plastic film u tnehhew mill-istand fuq talba tas-socjeta konvenuta fit-23 ta' Mejju 2003 u tqeghdu f'loading bay fejn bieb tal-fiera. L-organizzaturi tal-fiera ma nghataw ebda struzzjoni ghal 'lockable safe storage' kif jigri f'kazijiet ta' oggetti ta' valur u ghalhekk thallew fil-loading bay ma' oggetti ta' esibituri ohra. It-truck tal-agent tal-esibituri cioe dak inkarigat mis-socjeta konvenuta gie fis-27 ta' Mejju 2003 cioe erbat ijiem wara. Is-sorveljanza generali tal-organizzatur intemmet fl-24 ta' Mejju 2003 meta l-esibituri kellhom inehhu l-affarijiet taghhom sal-5.00pm tal-istess jum. L-

agent tal-organizzatur wassal l-affarijiet sat-truck tal-agent tal-esibituri minghajr ma ghabbihom pero z-zewg agenti ma rrimarkaw xejn dwar l-kundizzjoni tal-affarijiet ippakkjati. Huma ziedu illi meta l-agent tal-organizzatur jigi nfurmat li hemm affarijiet ta' valur jaghmlu hilithom biex fi kliem l-istess organizzatur 'they are handled in as secure a manner as possible.' Temmew il-fax billi cahdu xi responsabilta u qalu li r-rapprezentant Malti naqas li jipprovdi istruzzjonijiet adegwati lill-agent tieghu biex l-affarijiet jitnehhew mill-fiera.

**Responsabilta**

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-Awtorita ta' Malta ghat-Turizmu ma ghandha ebda responsabilita fit-telf soffert mis-socjeta attrici. L-Awtorita ipprovdiet biss l-ispazju fl-istand taghha biex kull esibitur jippromuovi l-prodott tieghu. Hu minnu illi r-relazzjoni bejn l-Awtorita u s-socjeta attrici kienet ftit partikolari billi l-istess Awtorita uzufruiet direttament mis-servizzi provduti mis-socjeta attrici pero l-hlas ghal dan gie pacut mal-participation fee dovut mis-socjeta attrici qua esibitur fl-istess stand.

Ma ngiebet ebda prova li l-Awtorita assumiet xi obbligu ghall-apparat jew oggetti li tellghu l-esibituri ghal fiera, fosthom is-socjeta attrici u anqas ma sar xi ftehim oltre t-tpacija, li l-Awtorita kellha xi obbligu tiehu hsieb l-apparat tas-socjeta attrici jew li indrigat ruhha li titrasporta l-apparat tas-socjeta attrici minn Malta ghal Geneva u lura.

L-unika konnessjoni li rrizulta fil-konfront tal-Awtorita bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta kien biss illi l-Awtorita issuggeriet lis-socjeta attrici biex tkellem lis-socjeta konvenuta dwar il-garr billi dawn tal-ahhar kellhom container ghall-garr tal-affarijiet taghhom.

Dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet bl-ebda mod ma poggew xi obbligu fuq l-Awtorita fil-konfront tas-socjeta attrici ghal kura tal-proprjeta tal-istess socjeta attrici.

Ir-relazzjoni bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta hi ftit differenti. Jirrizulta illi bejn iz-zewg socjetajiet sar ftehim,

ghalkemm verbali, illi l-affarijiet tas-socjeta attrici kellhom jingarru fil-container li kriet is-socjeta konvenuta u dan peress illi kien hemm spazju fl-imsemmi container. Ta' dan l-uzu ma jidhirx li s-socjeta attrici ghamlet xi hlas. Anzi jidher illi l-istess socjeta attrici inxurjat hi l-affarijiet taghha li kien hemm fl-imsemmi container. Il-ftehim li jidher li kien wiehed bonarju kien illi s-socjeta attrici titrasporta l-apparat taghha fil-container tas-socjeta konvenuta barra minn Malta u lura lejn Malta.

Ma jidher li sar ebda ftehim iehor bejn il-partijiet oltre dan. Dan allura jwassal biex tigi indirizzata l-kwistjoni dwar x'obbligu kellha s-socjeta konvenuta ghall-affarijiet tas-socjeta attrici. Ir-relazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet hi affini mal-istitut tad-depozitu regolat fil-Kap. 16 fl-artikolu 1891 et seq.

Kif qalet il-Qorti f'succint ghal dak li tghid il-ligi fil-kawza **Saviour Cutajar vs Agent Registratur tal-Qorti**, deciza fis-16 ta' Gunju 2005 (per Imhallef J. R. Micallef):

il-kuntratt tad-depozitu jinvolvi ttqeghid ta' haga f'idejn haddiehor, bl-obbligu ta' dan li jharisha u li jroddha lura in natura meta jintalab li jaghmel dan (Art. 1891 tal-Kap. 16).

Illi l-ligi trid li dak li ghandu titqieghed haga b'depozitu jiehu hsiebha bhalma jiehu hsieb hwejgu stess (Art. 1899 tal-Kap. 16). Izda hu ma jwegibx ghall-accidenti li jsehhu b'forza magguri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-haga lil min ikun talabhielu lura (Art. 1901 tal-Kap. 16). Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depozitu huwa li d-depozitarju ghandu jrodd lura l-istess haga mhollija f'idejh fil-qaghda li tkun fiz-zmien meta tintradd u kull tgharriq li ggarab bla htija tieghu jbatiha d-depozitant (Art. 1904 tal-Kap. 16).

Illi jitqies li haga depozitata tkun intilfet b'forza magguri jekk kemm-il darba jintwera li d-depozitarju jkun ha l-passi kollha mehtiega u ragonevoli biex il-haga depozitata tkun tqeghdet fiz-zgur [Kumm. 29.6.1979 fil-kawza fl-ismijiet **Nut. Joseph Vella Galea vs Anglu Azzopardi et** (mhix pubblikata)]. Is-serq huwa wahda mill-grajjiet li jistghu

jitqiesu bhala forza magguri ghad-depozitarju (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet **John Camilleri noe et vs Saviour Zahra**).

Intqal ukoll fil-kawza **Reginald Micallef et vs Godwin Abela et**, deciza fil-31 ta' Jannar 2003 (per Imhallef P. Sciberras):
jinsab ritenut illi allavolja huwa jkun accetta li jzomm il-haga b'depozitu bil-patt li ma jkunx responsabbli ghall-hsara li jista' jigri fil-haga, id-depozitarju huwa tenut ghad-dolo u kolpa gravi ("**Neg. Joseph Darmanin noe -vs- Neg. Joseph Schembri**", Appell Kummercjali, 20 ta' Frar 1953;

Jibda biex jinghad illi s-socjeta attrici kienet gia ppartecipat f'din il-fiera u illi kienet taf li s-sigurta tal-oggett kien fdat f'idejn il-proprjetarju u mhux f'idejn l-organizzaturi (ara email a fol. 132 tal-process). Fl-ebda hin ma jirrizulta illi s-socjeta konvenuta kienet fdata esplicitament b'xi inkarigu ta' sigurta mis-socjeta attrici. Tant hu hekk illi meta fl-ewwel jum tal-fiera insteraq projector minn parti msakkra tal-istand kienet l-istess socjeta attrici li kellha tipprova taghmel dak kollu necessarju biex iggib a konjizzjoni tal-organizzaturi tal-fiera bis-serq u anki tal-pulizija. Hu minnu li giet risarcita skond il-polza li ghamlet hi stess pero ma jidher li f'ebda stadju ma ssejhet is-socjeta konvenuta biex tassumi jew terfa' xi responsabilta ghal dak li sehh.

Meta l-fiera ghalqet u s-socjeta attrici ppakjat hi stess l-affarijiet taghha, lesti biex jigi trasportati, ma ghamlet xejn biex tassigura s-sigurta taghhom sakemm jitghabbew fil-container. Jirrizulta biss li d-direttur tas-socjeta attrici raw li kollox kien ppakkjat u hallew f'idejn is-socjeta konvenuta biex din titrasportahom mal-affarijiet taghha bla ma jidher li indagat meta ser isir it-trasport lura lejn Malta, u telaq mill-fiera. Ma rrizultax anqas illi s-socjeta attrici rabtet esplicitament lis-socjeta konvenuta bil-harsien tal-oggetti izda biss li jittellghu fil-container tas-socjeta konvenuta. Anzi jirrizulta mix-xiehda ta' Joseph Debono ghas-socjeta attrici li kien jaf li l-organizzatur mhux responsabbli ghall-

affarijiet tal-esibituri u meta l-istess socjeta ppakkjat l-affarijiet taghha ghat-trasport lura Malta jghid hekk:
“Jien avzajt kemm (ghax dak il-hin konna qeghdin kulhadd f’daqqa) kemm lill-MTA u lill-Sign It, ghidtilhom ‘isma’ hawhekk ahna ma ahniex covered, jekk ma jkollniex security iehor. U meta zarmajna u kollox ghidt lil tas-Sign It, ghidilhom: Isma’ fittxu araw x’ser taghmlu ghaliex hawnhekk jekk jorqdu m’ahniex covered” (fol. 211).

Ma jfissirx b’daqshekk illi s-socjeta konvenuta ma kellhiex ebda obbligu ta’ harsien. Avolja kienet konsapevoli li s-socjeta attrici kienet assigurat l-affrijiet taghha, la darba l-istess socjeta konvenuta inkarigat ruhha, ghalkemm bonarjament u bhala pjacir, illi titrasporta l-affarijiet tas-socjeta attrici ma taghha, kellha obbligu li tara li tuza l-prudenza biex tikkustodixxi l-istess affarijiet dment li kienu fil-pussess taghha qishom taghha stess.

Jirrizulta illi fil-jumejn li damu jigu ppakjati u ssiggillati l-affarijiet, is-socjeta konvenuta tishaq illi l-affarijiet ppakjati tas-socjeta attrici ma gewx mimsusa. Jidher lis-socjeta konvenuta lestiet fit-23 ta’ Mejju 2003, il-Gimgha, u mill-area tal-fiera biex tat-trasport jigi jigborhom. Jidher mill-email tat-trasportatur inkarigat mis-socjeta konvenuta cioe Express Trailers illi fis-26 ta’ Mejju 2003, gie mgharraf l-agent tal-istess trasportatur f’Geneva biex jigbor il-merkanzija mill-fiera fit-28 ta’ Mejju 2003 fil-ghodu minghand l-agenti tal-fiera cioe Inter Expologistics Limited (fol. 84 tal-process). Dan ifisser illi l-istess socjeta konvenuta inkarigat mill-ewwel lit-trasportatur taghha biex l-affarijiet jingabru.

Jidher mill-fax tal-organizzatrici tal-fiera pero (fol. 37 tal-process) illi t-truck tal-agent ta’ Sign It intbaghet fis-27 ta’ Mejju 2003.

Ghalkemm fl-istess fax jinghad illi mill-24 ta’ Mejju 2003 fis-7.00pm li kien is-Sibt, il-post fejn kienu mizmuma l-affarijiet ma kienux aktar sorveljat, ma hemm ebda prova li b’dan kienet taf is-socjeta konvenuta u illi dan kien jinfluixxi fuq l-prekawzjonijiet li hadet l-istess socjeta attrici bl-assikurazzjoni li ghamlet li dwarha ma saret ebda prova

oltre li thallset ghall-ewwel serqa ta' projector mill-assikurazzjoni izda ma ntqal xejn dwar in-nuqqasijiet riskontrati meta l-affarijiet gew f'Malta.

Anki kieku stess jista' jinghad ghal grazzja tal-argument illi s-socjeta konvenuta messha, qabel halliet minn idejha l-pusses tal-affarijiet meta kollox kien ppakjat u issiggillat, li tassigura sorveljanza jew kustodja protetta tal-affarijiet tas-socjeta attrici u titlob kumpens minghand l-istess socjeta a bazi tal-artikolu 1918 tal-Kap. 16, ma jirrizultax illi fil-fatt in-nuqqasijiet li nstabu meta l-container wasal Malta sehhew meta l-affarijiet kienu ghadhom fis-sit tal-fiera.

Il-fax gia msemmija tal-organizatturi tinnega li kien sehh xi nuqqas sakemm l-affarijiet cioe 12-il packet kontenenti l-affarijiet tal-istand Malti gew mghoddija lill-agent tat-trasport imqabbad mis-socjeta konvenuta. Lanqas ix-xhieda prodotta mill-istess socjeta attrici (fol. 93 tal-process) ma jitfghu dawl fuq din il-kwistjoni. Kull ma jirrizulta hu illi mindu l-container gie issiggillat qabel halla l-Isvizzera whud mill-affarijiet tas-socjeta attrici gew nieqsa.

Hawn tqum il-kwistjoni jekk jistax jigi interpretat illi kien hemm xi responsabilta da parti tas-socjet konvenuta f'dan in-nuqqas. Il-Qorti hi tal-fehma illi ladarba ma rrizultax illi l-affarijiet naqsu meta kienu ghadhom taht il-kontroll taghha ma jistax jigi dezunt li hi naqset fil-konfront tas-socjeta attrici. Il-fatt li l-container meta nfetah f'Malta b'sigilli intatti fuq il-container instab li kien fih xi oggetti nieqsa appartenenti lis-socjeta attrici ma jfissirx illi s-socjeta konvenuta naqset fl-obbligu taghha li tiehu hsieb, u hu gustifikat illi safejn jikkoncerna s-socjeta konvenuta t-telf rikontrat kien htija ta' cirkostanzi li l-istess socjeta konvenuta ma kellhiex kontroll fuqhom u li ghal dan it-telf ghandu jbati haddiehor skond ir-rizultanzi izda mhux is-socjeta konvenuta a bazi tal-obbligi taghha ta' depozitarju tal-oggetti tas-socjeta attrici sakemm dawn kienu fil-pussess u taht il-kontroll tas-socjeta konvenuta.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-email mibghuta minn impjegat tas-socjeta konvenuta Sign It mibghuta lis-socjeta attrici datata 5 ta' Mejju 2003 (ara xhieda ta' Reuben Paul Caruana fol. 139 u email relattiva a fol. 123 tal-process) fejn l-istess socjeta konvenuta ghamlitha cara illi l-affarijiet kollha inkluz l-apparat tas-socjeta attrici kien qed jigi assikurat ghas-somma ta' Lm8,000 u ghalhekk ma kienux qed jassumi responsabilta ghal nuqqasijiet jew hsara tal-apparat tas-socjeta attrici. Kif gia ssenjalat il-Qorti ghalkemm tali dikjarazzjoni, li mhix michuda mis-socjeta attrici, ma tezonorax lis-socjeta konvenuta mill-obbligi ta' kura skond il-principju tad-depozitu pero fl-istess hin tillimita r-responsabilta ghal dolo u colpa gravi biss.

F'dan il-kaz ma saret ebda prova li turi xi dolo da parti tas-socjeta konvenuta jew colpa gravi kemm meta lestiet l-affarijiet ghal garr u jidher li l-agent tat-trasport gie nfurmat mill-ewwel biex jiehu konsenja taghhom u kemm fl-ghazla tal-istess trasportatur billi ma giex muri xi leggerezza fl-ghazla ta' socjeta renomata ghall-garr.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet kollha moghtija l-Qorti qed tichad it-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------